MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 473/2007

**Talba Nru: 473/07VGD**

Frank Borda Limited (C 446)

Vs

Raymond Sultana (Id. 200757M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' sitt mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm635) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u konsenjata mis-socjeta' attrici, liema ammont huwa ukoll kopert b'tmien kambjali skaduti u mhux imhallsa. Bl-ispejjes u bl-

interessi mid-data tal-prezentata tal-Avviz kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' sitt mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm635), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------